# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 16**

**Citazzjoni numru 42/93 AF**

**Joseph Gatt**

**v.**

**Carmelo Seguna u b'digriet tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena 1997, Mario Seguna accetta l-bandu bhala kuratur deputat biex jirraprezenta l-eredi mhux maghrufa tal-mejjet Carmelo Seguna fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra sussegwenti, u b'Digriet tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena 1997, giet ordnata t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem Filippa Seguna, Victoria Seguna, Joseph Seguna, Mario Seguna, Charles Seguna u Joan Mizzi, l-eredi tal-mejjet Carmelo Seguna**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuti mis-sentenza moghtija fit-13 ta' Frar 2014 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-

ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u wkoll il-kontro-talba taghhom, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-istess konvenuti jroddu lura s-somma ta' €10,482.18, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez.

Il-fatti

2. Il-fatti jirrigwardaw ziemel Saphir Brillouard [iz-ziemel] li l-attur kien xtara minghand il-konvenut Carmelo Seguna ghal prezz ta' €10,482.18 (Lm4,500) bil-patt li ma kellu xejn u bil-garanzija moghtija verbalment li kien ser jirbah zewg tigrijiet, jiehu l-premju hu u jigri wahda b'hin tajjeb. Xi jiem wara li sar il-ftehim, meta l-attur kien lahaq hallas €9,317.49 (Lm4,000) ghalkemm ma kienx ghadu ha z-ziemel minghand il-konvenut, l-attur osserva li z-ziemel kien qed jerfa' saqajh ta' quddiem meta jmisslu rkobbtejh. Il-konvenut Carmelo Seguna baqa' jsostni li z-ziemel ma kellu xejn, izda l-attur xorta wahda ha z-ziemel, filwaqt li qallu li kien ser jurih lil tabib veterinarju. Meta nviztah it-Tabib Veterinarju Louis Borg, dan sab li z-ziemel kellu ghadma mqabbza fin-naha ta' gewwa ta' kull sieq u dan kien kawza ta' ugiegh liz-ziemel. F'ezami ta' dahar iz-ziemel, it-tabib veterinarju sab ukoll li z-ziemel kien qed ibaghti minn ugiegh hemm ukoll. Sabiex jigi stabbilit kemm dan l-ugiegh kien qed jaffettwa l-mod kif jigri z-ziemel, il-veterinarju stqarr lill-attur li dan seta' jsir billi jigi osservat waqt tigrija. Fil-fatt fl-ewwel tigrija tieghu z-ziemel gera hazin u gie skwalifikat.

Mertu

3. Illi l-attur fetah dawn il-proceduri permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Jannar, 1993, fejn talab lill-ewwel Qorti:

> "1. tiddikjara li z-ziemel fuq imsemmi ma kienx tal-kwalita' miftehma u pattwita bejn il-kontendenti u/jew li l-kunsens tal-attur kien fil-mument tal-bejgh ivizzjat minn zball li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim u/jew minhabba li dan il-kunsens kien karpit b'qerq ipprattikat mill-konvenut;
>
> "(2) sussegwentement tiddikjara bhala rexxiss u li ma holoq ebda effetti fil-ligi bejn il-kontendenti, il-bejgh taz-ziemel in kwistjoni; u
>
> "(3) tikkundanna lill-konvenut jrodd u jhallas lura lill-attur s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4500) bl-imghaxijiet mill-prezenti sal-pagament effett u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni.
>
> "Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru u mpediment ta' partenza datati 15 ta' Jannar 1993 u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

4. Il-konvenut ipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fid-29 ta' Jannar 1993 fejn eccepixxa:

> "1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl'ispejjes stante li:
>
> "a. Illi z-ziemel mibjugh kien skont il-ftehim patwit u mhux minnu li l-bejgh kien ivvizzjat minn zball jew li l-kunsens kien karpit b'qerq.
>
> "b. Il-konvenut biegh iz-ziemel bl'isem Saphir Brillouard lill-attur f'Awissu 1992 u fix-xahar susegwenti iz-ziemel gie registrat. Illi z-ziemel ha parti f'tigrijiet. Wara diversi xhur l-attur informa lill-konvenut li hu ma riedx izomm iz-ziemel u talab refusjoni tal-prezz tal-bejgh fuq allegazzjoni li z-ziemel beda 'jahbatlu'.
>
> "2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

5. Fit-30 ta' Settembru 1994, il-konvenut npprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fejn, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u l-mertu tal-kaz, eccepixxa li l-pretensjonijiet attrici kienu nfondati fid-dritt b'referenza specifika ghall-kwistjoni ta' difetti latenti u t-terminu relattiv.

6. Permezz ta' digriet tat-13 ta' Frar 1997, Mario Seguna gie kkonfermat mill-ewwel Qorti bhala kuratur ghall-finijiet kollha tal-ligi. Permezz ta' digriet iehor taghha moghti fis-26 ta' Frar 1997, dik l-ewwel Qorti laqghet it-talba ta' Filippa Seguna, mart il-konvenut li kien miet fil-14 ta' Jannar 1997[1], u ta' uliedu Victoria Seguna, Joseph Seguna, Mario Seguna, Charles Seguna u Joan Mizzi ghall-legitimazzjoni tal-atti u ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimhom.

7. Il-konvenuti nqdew bil-proceduri intavolati kontrihom sabiex ressqu kontro-talba kontra l-attur fejn talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. tiddikjara li Carmelo Seguna qieghed jizborzja somma ta' flus ghall-medicini, ikel, tiben, servizzi u bzonnijiet ohra, kif ukoll hlas dovut ghall-istalla maghmula ghall Joseph Gatt proprjetarju taz-ziemel Saphir Brillouard liema somma ta' flus Joseph Gatt qieghed jirrifjuta li jhallas.
>
> "2. tillikwida is-somma ta' flus dovuta lill Carmelo Seguna minn Joseph Gatt bhala hlasijiet maghmula u dovuti rigwardanti z-ziemel Saphir Brillouard ta' Joseph Gatt kif fuq spiegat.
>
> "3. tikkundanna lill Joseph Gatt ihallas lill Carmelo Seguna is-somma ta' flus fuq likwidati bl'imghax.
>
> "Bl'ispejjez kontra Joseph Gatt ingunt ghas-subizzjoni."

---

[1] Ara estratt tac-certifikat tal-mewt fol 113.

8. Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-attur eccepixxa s-segwenti:

> "1. Illi fl-ewwel lok l-imsemmi Carmelo Seguna ma setax jipprevali ruhu mill-beneficji ai termini tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tal-kawza;
>
> "2. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tigi michuda u dan stante li jekk il-bejgh jigi rexxiss u annullat, l-attur rikonvenzjonat ma jkun ippercepixxa ebda beneficcju stante li z-ziemel in kwistjoni qieghed fil-pussess ta' l-istess Carmelo Seguna;
>
> "3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Nomina esperti

9. Permezz tad-digriet taghha moghti fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1993, l-ewwel Qorti nominat lill-Av. Dott. Joseph Refalo bhala perit legali li kellu jigi assistit mit-Tabib Veterinarju Lawrence Caruana bhala espert tekniku. Fis-seduta tas-26 ta' Frar 1993 gie nominat ghall-fini tat-tehid ta' *X-rays* it-Tabib Veterinarju Carmel sive Lino Vella. L-ewwel Qorti rrevokat *in parte* d-digriet taghha tad-29 ta' Jannar 1993 fejn gie mahtur it-Tabib Veterinarju Dott. Lawrence Caruana bhala espert tekniku u minfloku hatret lit-Tabib Veterinarju Trevor Zammit sabiex jassisti lill-perit legali fir-redazzjoni tar-rapport tieghu fejn dan kien jitratta l-mertu.

Ir-rapport tal-perit legali u l-espert veterinarju

10. Il-konkluzjoni tal-perit legali u tal-espert veterinarju kienet li t-talbiet attrici kien jisthoqilhom li jigu milqugha u jigi dikjarat li z-ziemel ma kienx tal-kwalita` patwita, filwaqt li l-bejgh bejn il-partijiet jigi rexxiss u l-konvenut ikkundannat ihallas lill-attur il-prezz ta' Lm4,500, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv. Il-konsiderazzjonijiet taghhom kienu s-segwenti:

> "1. Il-kawza giet istitwita sabiex l-attur jithallas lura l-ammont li hallas ghaz-ziemel Saphie Brillouard li xtara minghand il-konvenut. L-attur qed jallega li z-ziemel ma kienx tal-kwalita` pattwita, u/jew li l-kunsens tal-attur kien vizzjat minn zball li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-haga oggett tal-ftehim, u li l-kunsens, u/jew li l-kunsens kien karpit b'qerq ippratikat mill-konvenut.
>
> "2. Il-konvenut qed jichad dan kollu, u qed jghid li l-attur kien infurmah li ma riedx iz-ziemel diversi xhur wara l-akkwist. Inlotre l-konvenut ghamel kontro-talba ghall-hlas peress li z-ziemel qed izommu hu fl-istalla tieghu, u qed jonfoqlu spejjez ta' medicini, ikel, tiben u servizzi ohra.
>
> "3. Jirrizulta li l-attur kien xtara z-ziemel Saphir Brillouard minghand il-konvenut <u>f'Awwissu 1992</u>. Skont l-attur hu ntebah li z-ziemel kellu difett hamest ijiem jew gimgha wara li xtrah, meta z-ziemel kien ghadu ghand il-konvenut. Il-konvenut kien gab lil Saphir Brillouard minn Franza tramite l-agent Mario Farrugia.
>
> "4. Gew esebiti l-fattura Dok. C datata 13 ta' Lulju, 1992, kif ukoll certifkat mill-veterinarju Dott. Delecroix Dok. D, zewg certifikati mahrugin ghall-iskop ta' esportazzjoni, Dok. E u Dok. F. Gie ezebit certifikat Dok. H, datat 30 ta' Ottubru, 1993, mahrug minn Dr. Philippe Benoit, veterinarju Francis fejn jinghad: "The horse appeared in good health and presented no lameness the day of examination. The horse was unshed this day, and appeared rather unmuscled."
>
> "5. Is-sensal Reno Mangion kien qal lill-attur li z-zwiemel jghodd ghalih. Fil-fatt l-istess Mangion xehed li ra z-ziemel meta kien wasal minn barra, u skont hu kien f'kondizzjoni tajba, u kien ra lill-kovenut u ibnu isuquh xi 300 metru, ghall-darbtejn, kull wahda bit-trot.
>
> "6. L-attur <u>kien ftiehem mal-konvenut fuq prezz ta' Lm 4500</u> <u>bil-patt</u> <u>li z-ziemel ma kellu xejn</u>, liema kliem intqal mill-konvenut, <u>bil-patt ukoll li z-ziemel jirbah zewg tigrijiet</u> u l-premju jiehdu hu, <u>u li jigri wahda b'hin tajjeb</u>. Skont Larry Desira, habib tal-attur, il-ftehim kien mhux biss li z-

ziemel ma kellu xejn, izda inbiegh bil-patt li dan jirbah l-ewwel tigrija fil-klassi A, u li jirbah it-tieni tigrija wkoll, bil-patt li jigri z-zewg dawriet fi tlett minuti nieqes ghaxar sekondi. Reno Mangion s-sensal jikkonferma li z-ziemel inbiegh bil-patt li kien tajjeb u li kien jinkiteb ghall-klassi A.

“7. Jirrizulta li meta l-attur kien mar jigbor iz-ziemel kien diga hallas Lm 4000 mill-prezz. L-ewwel darba li jirrizulta li l-attur induna li kien hemm xi haga hazina fiz-ziemel kien meta messlu taht irkubtejh, dak in-nhar stess li mar jigbru, u dan refa z-zewg saqajh ta’ quddiem, u meta staqsa lill-konvenut dan qallu li ma kellu xejn. Skont Desira kien hu li nduna li kellu zewg bococ [ghadmiet] taht l-irkoppa tal-lemin, kif ukoll taht tax-xellug, li l-konvenut qalilhom li z-ziemel mghandu xejn hazin. Filwaqt li Mangion, s-sensal jghid li z-ziemel inbiegh bil-patt li kien tajjeb.

“8. Dwar dan il-konvenut jallega li l-attur accetta l-bejgh. Pero` fil-fehma tal-esponent dan ma jistghax ikun minnu meta l-istess attur kien ghadu qed jinvestiga l-istess ziemel, tant li kien qabbad lil Veterinarju Dr. Borg biex jezaminah.

“9. L-attur hadu bil-patt li kien ser jiehdu ghand il-veterinarju Dr. Louis Borg. Meta z-ziemel gie ezaminat minn Dr. Borg, dana sab li z-ziemel kellu l-ghadmiet ta’ taht l-irkobba mqabbzin, u li kienu illhom imqabbzin li kien ifisser t-tieni ghaksa mid-difer il-fuq, u li l-ghadmiet li semma kienu ghadhom hajjin. Fic-cirkostanzi t-tabib issuggerixxa li z-ziemel jinsaq f’tigrija bis-sahha, biex jirrizultalu x’kien hemm. Desira u Mangion jikkonfermaw li meta ezaminah Dr. Borg, iz-ziemel qomos, u li t-tabib qal li jista jkun ghax sensittiv jew ghax mugugh, u qal li ikun jaf x’hemm meta isuquh. Mangion jghid li meta t-tabib iccekkjalu saqajh, kif messhom iz-ziemel ingibed lura.

“10. Il-veterinarju Dr. Louis Borg jikkonferma li l-attur kien sejjahlu biex ihejjilu z-ziemel in kwistjoni, biex jezaminah, u biex ilaqqmu. Dr. Borg ezamina z-ziemel fit-<u>3 ta’ Settembru, 1992</u>, u innota “splints” fis-sieq ix-xellugija u l-leminija ta’ quddiem, fuq in-naha ta’ gewwa ta’ dawn is-saqajn ftit taht il-“carpal joint”. Inoltre innota wkoll li dawn l-isplints kienu sensittivi u pproducew reazzjoni ta’ ugieh. Il-Veterinarju nnota wkoll li z-ziemel kellu ugieh ukoll f’dahru. Dr. Borg spjega li din il-kondizzjoni taz-ziemel setghet teffettwa l-mod kif jigri, cioe` jaghtu lok ghall-trot li mhux perfett. Il-Veterinarju innota li ma kien hemm xejn hazin fil-mod kif kien imnieghel iz-ziemel. Dr. Borg spjega li l-isplint kienet process ta’ infjamazzjoni fl-ghadma, illi jirrizulta fit-thaxxin iebes ta’ dik il-parti tal-ghadam [bony swelling]. Il-kawzi taghha setghu jkunu diversi.

“11. Jigi rilevat li skont Reno Mangion iz-ziemel kien jittrottja, pero` l-attur ma kienx kuntent, apparti li kien gie nnutat li z-ziemel kien qed jolqot is-serkin b’saqajh, minhabba li s-serkin kien zghir. Inoltre Mangion jirrileva wkoll li z-ziemel kien imnighel hazin. Mangion jghid li z-ziemel dam xi xaghrejn ghand l-attur sa meta rega hadu ghand il-konvenut, u f’dan iz-zmien kollu z-ziemel minn wara ma kienx jitfa

sabih, u kien jolqot. Is-sottoskritt ma jistghax ma jirrilevax dwar id-deposizzjoni tal-imsemmi Mangion, li dan kien is-sensal, u li dan kellu kull interess li n-negozju jsehh.

"12. Meta sab dawn ic-cirkostanzi l-attur ried il-flus lura, pero` l-konvenut offra li jirrangalu z-ziemel.

"13. Jirrizulta li wara xahrejn li z-ziemel dam ghand il-kovenut sabiex igibu tajjeb, iz-ziemel instaq fl-ewwel tigrija fit-3 ta' Jannar, 1993, u saqu iben-il konvenut, u z-ziemel gera hazin, u gie maqlugh, Dok. A. Li z-ziemel gie skwalifikat mit-tigrija jinsab konfermat minn Desira u Mangion ukoll.

"14. Il-konvenut jipprova jallega li z-ziemel kien imnieghel hazin, kif ukoll li l-attur kien qed jaghtih ghall-galopp. Pero` minn dan kollu li qed jghid il-konvenut ma jirrizulta xejn. Huma allegazzjonijiet minghajr ebda bazi. Piuttost jirrizulta mid-deposizzjoni tal-konvenut, li l-istess konvenut kien qed jipprokrastina biex jikkonvinci lill-attur li ma kien hemm xejn hazin, meta rrizulta li z-ziemel ma kienx kif ried l-attur.

"15. Dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut, is-sottoskritt jirrileva li l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> "1. L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.
>
> "2. Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.
>
> "3. Iz-zminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jinghad fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1407.

"16. It-terminu ta' dekadenza huwa perentorju. Il-Qorti tal-Appell kienet qalet hekk fir-rigward:

> ""It-terminu ta' sena imsemmi fl-artikolu 1431 (2) tal-Kodici Civili, biex ix-xerrej ikun jista' jgib 'il quddiem l-azzjoni tieghu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dan id-difett. Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza u ghalhekk huwa perentorju (ara Camilleri noe vs Calascione noe Vol.XXXVIII.p.III.Pag.723)........." la semplice possibilita` di scroprirlo basta perche` non sia occulta. Poco importa anche la scoperta del vizio offra qualche difficolta`: la semplice possibilita` di scoprirlo basta perche` non sia occulto." [Baudry Lacantinerie – Della Vendita – para.418 – pag. 439.]........""

“Dan jidher li hu konformi wkoll mal-gurisprudenza taghna. In fatti l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-Kawza Cuschieri vs Gauci nomine deciza fil-21 ta’ Mejju, 1934, qalet li: “l’eccezzione alla regola generale della decorrenza del termine dalla consegna nel caso in cui il compratore fosse stato nella impossibilita` di conoscere il vizio, e` di stretta interpretazione, e non si puo` ammettere l’esistenza della impossibilita` di conoscere il vizio quando l’ignoranza di questo e` dovuta a colpa del compratore” Vol.XXVII.p.III.Pag. 1337 (Edward Fenech et vs Gaetano Spiteri deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-4 ta’ Lulju, 1990 – Vol.LXXIV.p.II.Pag. 366).

“17. Ghalhekk fl-umili opinjoni tas-sottoskritt l-attur kien ezercita d-debita diligenza meta hu kien ezamina z-ziemel in kwistjoni. Id-difett hareg biss bic-car meta z-ziemel tellaq u beda jaqleb. Ghalhekk fil-fehma tal-esponent l-attur kien entro t-terminu stipulat meta ppropona l-azzjoni. Ghandu jinghad ukoll illi meta kien qed jakkwista z-ziemel, kien hemm ukoll il-kondizzjonijiet li jirrizulta li gew stipulati bejn il-partijiet, referibilment ghall-fatt tar-rebh ta’ zewg tigrijiet.

“18. Hawnhekk is-sottoskritt jaghmel referenza ghall-mod kif titratta l-Ligi l-kaz ta’ fejn jigi allegat li hemm id-difett redibitorju. Jibda biex jinghad li:

> ““Sono occulti i vizi o difetti che’ il compratore nel momento della consegna non ha potuto da se’ stesso conoscere.” (Della Vendita –Il Diritto Civile Italiano – Prof. Torquato Cuturi, Ed. 1915, P. 398.)””

“Filwaqt li l-venditur hu tenut li jiggarantixxi l-oggett mibjugh minn dawk id-difetti li jkunu tali:

> ““(“...che la rendono non atta all’uso cui e’ destinata, o che ne diminuiscono l’uso in modo che se il compratore li avesse conosciuti, o non l’avrebbe comprata o avrebbe offerto un prezzo minore.” Diritto Civile – Francesco Ricci, p.321, jiccita l-Kodici Civili Taljan.)””

“Ghalhekk id-difetti in kwistjoni jridu jkunu ta’ certa entita` apparti li jkunu okkulti. Kif ben inghad mill-Qorti tal-Appell, ticcita lill-Baudry Lacantiniere:

> ““Due condizioni si richiedono...... perche’ i difetti della cosa venduta siano vizi redibitori 1. che i difetti siano gravi 2. che siano occulti.” (Alfred Brincat et vs Anthony Xuereb et; deciza mill-Qorti tal-Appel fil-15 ta’ Jannar, 1992.)””

“19. Fil-kawza precitata l-Qorti kompliet billi espandiet fuq is-sinifikat ta’ “gravi” u iccitat ukoll sentenza ohra fir-rigward.

“Meta jezisti tali vizzju l-kompratur ghandu d-dritt li jaghzel bejn:

> ““L’azione redibitoria, che non e’ altro che un’azione di risoluzione di vendita e quella di riduzione di prezzo, che i Romani chiamavano actio

> aestimatoria o actio quanti minoris." (Baudry Lacantinerie – Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile – Vol. XIX, p. 433 et seq.)""

"20. Fl-istess sens insibu fl-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili li:

> ""Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqssu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej a kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.""

"21. Dwar l-ghazla tal-azzjoni li wiehed jista' jezercita interessanti dak li jghid il-Pacifici Mazzoni ghar-rigward tali dritt ta' xelta li tinghata lill-kompratur li jista' jaghzel liema azzjoni jezercita`:

> ""A primo aspetto puo' sembrare ingiustificabile la concessione di questo diritto di scelta: e che fosse piu' ragionevole di concedere al compratore la sola redibitoria nel caso in cui il-vizio o il difetto sia di tale entita', che, se l'avesse conosciuto, non avrebbe comprato la cosa che n'e' infetta; e la sola quanti minoris nel caso che nonostante il vizio l'avrebbe comprata, ma per un prezzo minore; e tale era infatti la teoria romana. Nel diritto moderno invece e' prevalsa l'idea che il solo compratore puo' essere giudice, se non ostante il vizio o difetto che rende la cosa non atta all' uso cui e' destinata, o ne diminuisce l'uso medesimo, l'avrebbe comprata, o avrebbe offerto un prezzo minore. Egli solo puo' decidere quale dei due partiti gli convegna meglio..." (Trattato della Vendita – Parte I, Tit.II. Cap.II. Sez.II, p. 498 et seq..)""

"22. Jigi rilevat ukoll li l-ligi tirrikjedi da parti tal-kumpratur dik id-diligenza normali:

> ""....Il-ligi ma tirrikjedix fix-xerrej diligenza u attenzjoni staordinarja;" (Vol.XXXIV-II-612.)""

"23. Jigi rilevat ukoll li hu pacifiku fid-Dottrina u fil-gurisprudenza illi:

> ""Huma vizi redibitorji dawk li x-xerrej ma rax u lanqas seta' jara, u mhux dawk li seta' jara u li ma rax htija tieghu." (Giuseppe Cini vs Antonio Cassar, Appell, 12-6-1952, Vol.XXXII-I-204.)

"Jigi rilevat ukoll li kif ritenut mill-Qorti tal-Appell in linja mal-gurisprudenza nostrana, illi:

> ""....lanqas ma huwa redibitorju l-vizzju, jekk, ghalkemm filwaqt tal-kuntrattazzjoni jew ta' ricezzjoni tal-haga, li l-vizzju ma jkunx vizibbli, izda x-xerrej jista' jinduna bih bi ftit attenzjoni u bi ftit ezami." (ara Bezzina vs Bonnici, 10 ta' Lulju, 1950, Vol.XXXIV, P.II.,P.613).""

"Ghalhekk ix-xerrej ghandu obbligu li japplika certa diligenza u attenzjoni fl-okkazzjoni tax-xiri fuq l-oggett in vendita. Ix-xerrej ma jistax ikun *non curanti* fl-okkazzjoni tal-bejgh biex wara jistrieh fuq il-garanzija li taghtih il-ligi. Jekk ix-xerrej ma jkunx ra d-difett ghaliex ma uzax bizzejjed attenzjoni dan il-fatt wahdu ma jirrendix l-istess difett

okkult. (Appell; Alfred Brincat et vs Anthony Xuereb et; dec. 15 ta' Jannar, 1992.)

"24. Importanti wkoll li d-difett fil-haga mibjugha kien jezisti qabel il-bejgh:

> ""Naturalmente e' necessario che i difetti siano anteriori alla vendita, che esistano ancora quando la cosa e' trasferita al compratore, e che egli non abbia potuto averne notizia esaminando la cosa come e quanto e' necessario in quella specie di vendita." (Della Vendita – Il Diritto Civile Italiano – Prof. Torquato Cuturi – ed.1915 – p.389 et. seq..)""

"25. Tenut kont ta' dawn il-principji legali applikati ghall-fatti tal-kaz, ma jistghax jinghad li l-konvenut b'xi mod agixxa *in mala fede* fil-bejgh. Li hu cert, u dana jirrizulta ampjament lill-Espert Veterinarju sottoskritt huwa, li z-ziemel qatt ma rebah, u li kien garantit li dana jirbah u li jaghmel it-tigrija f'zewg minuti u erbghin sekonda. Dana ma sehhx.

"Apparti minn dan jirrizulta wkoll li z-ziemel kien mugugh meta nbiegh jew minhabba s-serkien. Kien wara l-bejgh li l-attur intebah li dan kien mugugh.

"Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Borg, li z-ziemel kien mugugh. Ma jistghax jinghad li tali ugiegh jirrizulta mill-X-rays. Inoltre ghandu jinghad li Dr. Borg ezamina liz-ziemel biss tlett ijiem wara li l-attur kien hadu, pero` ta' min jinnota li l-attur kien ghajjatlu fl-istess jum. Jigi rilevat ukoll li l-problema giet ukoll rilevata minn Desira.

"26. L-Espert Veterinarju sottoskritt jinnota illi jekk ziemel jolqot is-serkin jista' jikkawza l-problema. Hemm ix-xhieda ta' Reno Mangion f'dan ir-rigward. Pero` jigi innutat ukoll in partikolari li meta z-ziemel ikun ghaddej bit-trott bil-mod, il-problema ma tkunx hemm, pero` din tirrizulta fil-mument meta z-ziemel jigi ghat-tigrija, u f'dak il-hin jaqleb ghall-galopp.

"27. Is-sottoskritti jirrilevaw li d-difett gie nnutat qabel ma sar il-hlas komplut taz-ziemel, u meta ezaminah Dr. Louis Borg.

"28. Is-sottoskritti jikkonkludu li in vista ta' dak li ntqal id-difett fiz-ziemel kienu ezistenti qabel il-bejgh lill-attur, u definittivament iz-ziemel mibjugh ma kienx addatt ghat-trott, filwaqt li jirrizulta li l-attur ried ziemel tat-trott. Pero` ma jirrizultax li l-konvenut agixxa b'qerq.

"29. Dwar il-kotro-talba ma hemmx lok li din tigi milqugha, mhux biss ghaliex qed jigi dikjarat li z-ziemel mibjugh ma kienx tal-kwalita` pattwita, izda ghaliex ma ngiebux provi in ostenn ta' dak li hu mitlub."

## Is-Sentenza Appellata

11. Fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar 2014, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"<u>Fatti</u>

"Illi l-kawza odjerna tittata dwar bejgh ta' ziemel tat-trott bl-isem ta' Saphir Brillouard (li miet fil-mori tal-kawza) mill-konvenut Carmelo Seguna, li wkoll gie nieqes fil-mori tal-kawza, lill-attur versu l-prezz ta' LM4,500. Dan sehh ghal habta ta' Awwissu 1992 wara li Carmelo Seguna kien akkwista l-istess ziemel minn Franza f'Lulju 1992 permezz ta' sensar bl-isem ta' Mario Farrugia. Meta gie hekk mibjugh lill-konvenut, jirrizulta li z-ziemel kien "in good health and presented no lameness the day of examination. The horse was unshed this day and appeared rather unmuscled".

"Dan iz-ziemel kien wiehed tat-tigrija u hekk kien gie mibjugh lill-attur mill-konvenut. In aggunta ma' dan l-konvenut kien iggarantielu li z-ziemel kien ser jirbah iz-zewg tlielaq, u l-premju jiehdu hu, u li jigri wahda f'hin tajjeb. Gara pero' li xi jiem wara li kien sar il-bejgh taz-ziemel, l-attur kien talab lit-tabib izur liz-ziemel, minn fejn irrizulta li z-ziemel kellu problema f'saqajh. Meta rrizultaw dawn ic-cirkostanzi, l-attur ried il-flus lura pero l-konvenut offra li jirrangalu z-ziemel. Wara xahrejn li z-ziemel kien dam ghand il-konvenut sabiex igibu tajjeb, iz-ziemel instaq l-ewwel darba fit-tigrija tat-3 ta' Jannar 1993, instaq minn iben il-konvenut, izda z-ziemel ma rebahx dik it-tellieqa u lanqas ta' warajha u lanqas baqa tajjeb ghall-giri.

"Illi l-konvenut jikkontendi li d-dannu fl-ghadam ta' saqajn iz-ziemel sehh meta l-attur kien nieghelu hazin ghaliex jistrieh fuq ic-certifikat tal-veterinarju Franciz li kien iccertifika li z-ziemel ma kellux problemi qabel ma telaq minn Franza. Dan ic-certifikat ma jistax jghin t-tezi tal-konvenut, in kwantu z-ziemel dam gimghat ghandu qabel ma gie akkwistat mill-attur, f'liem perjodu z-ziemel seta' sehhlu d-dannu waqt li kien ghadu proprjeta tal-konvenut, u di piu' c-certifikat ma jaghti l-ebda garanzija li z-ziemel kien priv minn xi difett fl-ghadam li seta jxekklu waqt tigrija. Irrizulta mill-Espert Veterinarju li d-difett jaffetwa l-performance taz-ziemel waqt tigrija ghax l-isplint bones ma jibqghux dritti u jibdew jinfethu u minhabba f'hekk tinholoq certu friction meta jigri. Huwa evidenti ghalhekk li ladarba ma jirrizultax jekk il-veterinarju Franciz rax iz-ziemel waqt jew inkella wara tigrija u ghamel vista viziva biss, ma setghux jirrizultawlu d-difetti li minnhom qed jilmenta l-attur.

"Illi l-konvenut jsostni wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet li d-dannu seta' gie kkawzat minn serkin li jkun ta' daqs zghir. Din l-allegazzjoni ma hija sostnuta bl-ebda prova u ghalhekk qieghda tigi skartata.

“Dak li jirrizulta huwa l-fatt li z-ziemel ma kienx ziemel tajjeb ghat-tigrijiet, u lanqas kienet tajba l-garanzija moghtija lill-attur mill-konvenut li kien ser jirbah l-ewwel zewg tlielaq. Ghalhekk il-Qorti taghmel taghha il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet raggunti mill-Espert Veterinarju Dr Trevor Zammit, minnha nominat, liema konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet din il-Qorti ma ssib hemm raguni la fl-eskussjoni li saritlu u lanqas min-nota mressqa mill-konvenut li tiddipartixxi minnhom.

“Illi rigward l-allegazzjoni li l-kunsens tal-attur kien ivvizjat jew karpit b’qerq, l-artikolu 981 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula illi:

> ““*L-ghemil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *““L-ghemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.””*

“Il-Qorti tal-Appell, f’deċiżjoni tat-3 ta' Marzu, 2011, Appell Civili Numru. 136/2000/1 bl-ismijiet ‘Frank Frendo et vs Joseph Vella et nomine’ tagħmel riferenza għad deċiżjoni Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti - Prim’ Awla, 4 ta’ Frar, 1965), fejn ġie ritenut:

“Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta’ parti f’kuntratt jehtieg li (a) **jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa**; (b) li jkunu fihom nfushom gravi; (c) b’mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta’ dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwisjtoni. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata tagħmel riferenza ukoll għal deċiżjoni oħra, li ukoll hija rilevanti għad-deċiżjoni odjerna u ċioe “P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et” (Prim’ Awla 4 ta’ Marzu 2004) fejn ġie ritenut:

> ““…***l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega qerq, ghaliex f’kaz bhal dan ix-xilja ta’ qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq***.””

“F’sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 13 ta’ Ottubru 1998, bl-ismijiet Carmelo sive Charles Zarb et vs George Xuereb, ġie ritenut illi żball ta’ fatt għandu jkun wieħed li jaqa’ fuq is-sostanza tal-ħaġa sabiex iġib in-nullita. L-għemil doluż huwa motiv ta’ nullita’ ta’ ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet huma tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkontratta. Ir-riċerka jekk l-għemil doluż kienx determinanti hija waħda ta’ fatt li għandha tiġi meqjusa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ kull każ.

“Illi fil-kaz de quo ghalkemm jirrizulta li l-garanziji li tah l-konvenut kienu determinanti sabiex l-attur jikkontratt l-akkwist taz-ziemel, ma jirrizultax li thaddmu ebda mezzi jew atti qarrieqa u b’vizta ghand veterinarju, kif fil-fatt ghamel l-attur, il-mankanzi li kellu z-ziemel kienu konstabbli.

“Illi l-azzjoni proposta mill-attur jidher li tistrieh implicitament fuq l-artikolu 1390 ghal dak li jirrigwarda l-kwalita pattwita. L-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 jistipula illi “Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita imwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti”;

“Il-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu jikkontendi li l-azzjoni ma tistax tigi ravvizata f’termini ta’ nuqqas ta’ kwalita pattwita izda ta’ difett latenti. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi, minghajr ma teskludi possibilitajiet guridici ohra, il-materja tista’ tigi ben vizwalizzata fl-ipotesi tal-mankanza tal-kwalita’, espressament imweghda bejn il kontraenti, ghar-raguni illi, fil-fattispeci, tonqos dik il-karatterisitika essenzjali li taghmel iz-ziemel mixtri bhala wiehed idoneu biex jintuza ghat-tlielaq. Kwindi huwa applikabbli  l-Artikolu 1390 ghal kaz konkret. Issa ghalkemm l-attur javvanza b’oggett tat-talba r-restituzzjoni tal-prezz u dik id-disposizzjoni kienet takkordalu b’rimedju jew id-danni jew ir-riduzzjoni fil-prezz, inghad li “ermenewtikament, ma jidherx li ghandu jkun kontrovers illi l-kelma “danni” ghandha tifsira aktar allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz. Dan johrog car sew fil-kaz ta’ ksur ta’ obbligazzjonijiet kontrattwali (Artikolu 1135, Kodici Civili) u sew ghal dawk extra-kontrattwali (Artikolu 1046. Kodici Civili). Dan ma jfisserx, imbaghad, illi d-“danni” ma humiex komprensivi tar-restituzzjoni tal-prezz jekk, bhal ma hu l-kaz hawnhekk, l-attur appellat kien kuntent illi d-danni minnu pretizi jkunu limitati salkonkorrenza tal-prezz minnu mhallas ghall-akkwist talvettura. B’daqshekk ma jigix li l-azzjoni ta’ l-attur ghandha tfalli ghax ma ntuzatx fl-Avviz il-kelma preciza tal-ligi. Dan il-legalizmu esagerat propuls mill-appellanti mhux lanqas konfacjenti mar-regola ta’ l-*equipollens* introdotta filgurisprudenza taghna, almenu mill-1873 ‘l hawn (ara **Kollez. Vol. VI pagna 442**).”  (Karl Francica vs Luke Piscopo, 9/1/2009, Appell Civili, Imhallef P Sciberras).

“Il-fatti specie tal-kaz jinkwadaw fl-azzjoni esperita taht l-artikolu 1390 li taghti rimedju lil min jixtri xi haga li ma tkunx tal-kwalita’ pattwita. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Buttigieg vs Hirst tas-16 ta’ Frar 1945 (XXXII.i.163), “jekk l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim ma hemmx vizzju redibitorju imma jkun il-kaz ta’ inadempjenza tal-kuntratt li ma ghandha x’taqsam xejn mal-garanziji tal-vizzji redibitorji”.

“Dana jinghad ukoll in kwantu allegat difett ma jammontax ghal vizzju latenti jew mohbi, billi x-xerrej seta’ facilment isir jaf bih wahdu. Konsegwentement il-mankanzi li jilmenta minnhom l-attur ma jistghux jigu kwalifikati bhala difetti li ma jidhrux jew latenti billi dawn kienu difetti li l-attur seta’ jsir jaf bihom, kif fil-fatt gara.

"Illi l-konvenut isostni fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li l-garanzija moghtija li z-ziemel in kwistjoni kien jirbah l-ewwel zewg tigrijiet kienet kondizzjoni tal-bejgh, rizoluttiva jew sospensiva u ghalhekk l-azzjoni ghandha tigi meqjusa minn dan l-aspett.

"Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li din il-linja difensjonali ma nghatat fl-ebda waqt qabel il-prezentata tan-nota responsiva tal-osservazzjonijiet tieghu mill-konvenut.

"Fit-tieni lok, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ma jirrizulta minn imkien li l-import tal-kliem skambjat bejn il-kontendenti fl-akkwist tal-imsemmi ziemel iwassal biex jigi inkwadrat taht id-dispositiv u l-effetti tal-kondizzjoni risoluttiva espressa.

"Il-garanzija li nghatat dwar iz-ziemel in kwistjoni ma tistax titqies bhala kundizzjoni risoluttiva fis-sens li ma hijiex espressa fit-termini illi jekk tavvera ruhha ikun hemm dekadenza jew xoljiment. Jista' wiehed jargumenta li f'kull ftehim jistqies li hemm kondizzjoni rizoluttiva tacita, fis-sens ta' dak deciz fil-kawza fl-ismijiet MAC vs Said (deciza mill-Imhallef J.R. Micallef fid-9 ta' Ottubru 2003) fejn gie ritenut hekk:

> ""*In-nuqqas ta' twettiq (f'waqtu) ta' obbligazzjoni ma jgibx fix-xejn dik ir-rabta, imma, ghall-kuntrarju, ihalli lok li tista' tintalab l-ezekuzzjoni taghha. Ghalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar, fih patt ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa li meta ssehh iggib fix-xejn il-kuntratt b'mod li lanqas il-Qorti ma tista' ttawwal iz-zmien lid-debitur ghall-ezekuzzjoni, il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min nies jew izjed jista' johloq il-prezunzjoni li tinghadd li saret fih il-kundizzjoni rizoluttiva tacita f'kaz li wahda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti taghha.*""

"L-Artikolu 1068 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jaqra hekk:

> ""*Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha: Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ.*""

"Pero', l-azzjoni esperita mill-attur mhijiex bazata fuq l-artikolu 1068 izda huwa car li hija bazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16.

"Lanqas jirrizulta li l-bejgh kien soggett ghal kondizzjoni sospensiva. Ma jirrizulta li kien hemm ebda kundizzjoni li kienet qed torbot l-effetti tal-bejgh ma' cirkostanza partikolari, cioe r-rebh ta' zewg tlielaq. Din l-intiza ma kinitx hemm bejn il-partijiet, u l-Qorti ladarba ghandha tistrieh fuq il-pattijiet tal-kontendenti kif rizultanti fil-kawza odjern, ser tiskarta din it-tezi.

<u>"Kontrotalba</u>

> “Il-konvenut ma ressaq l-ebda sottomissjoni fin-nota tieghu ghal konkluzjoni tal-esperti nominati mill-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-kontrotalba minnu mressqa.
>
> “Fic-cirkostanzi, galadarba t-talbiet rikonvenzjali jiddependu essenzjalment mill-ezitu tat-talba principali, li qieghda tigi milqugha, jirrizulta ghalhekk li logikament it-talba rikonvenzjali ma tistax tintlaqa’.
>
> “Il-Qorti, ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenut irodd lura lill-attur is-somma ta’ ghaxart elef, erba’ mija u tnejn u tmenin ewro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) ekwivalenti ghal erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-istess citazzjoni. Il-Qorti tichad il-kontrotalba ghaliex mhux misthoqqa.
>
> “L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut”.

L-Appell

12. Il-konvenuti pprezentaw ir-rikors tal-appell taghhom fil-5 ta’ Marzu 2014, fejn qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba attrici li l-kunsens tieghu kien ivvizzjat jew karpit b’qerq, izda thassarha u tirrevokaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tieghu filwaqt li tilqaghhom u minflok, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur. L-aggravju principali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tal-ligi applikabbli ghall-kaz odjern, kif ukoll tal-provi migjuba quddiemha.

Ir-risposta tal-appell

13. Fir-risposta tal-appell, l-attur iwiegeb li s-sentenza appellata hi gusta u ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha. Hu jsostni li l-azzjoni tieghu tinkwadra perfettament taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili u s-somma ta' Lm4,500 li kien qed jippretendi li ghandha tithallas lilu tirrapprezenta d-danni li hu sofra.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

14. Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tikkonsidra l-aggravju tal-konvenuti, jigifieri li l-ewwel Qorti naqqset milli taghmel apprezzament tajjeb kemm tal-ligi applikabbli ghal dan il-kaz, kif ukoll tal-provi li tressqu quddiemha.

*Il-ligi applikabbli*

15. Il-konvenuti jispjegaw li: *"…l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fl-applikazzjoni u fl-interpretazzjoni tar-rimedji li ghandu x-xerrej f'kuntratt ta' bejgh, f'azzjonijiet tax-xorta proposta milll-appellat."*. Jghidu li r-rimedji ghax-xerrej huma biss dawk li jipprovdi ghalihom il-Kodici Civili, jigifieri l-azzjoni *redhibitoria* u l-azzjoni *aestimatoria* fejn hemm difetti latenti u dik l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 1390 fejn il-kwalita` tal-oggett mibjugh ma jkunx kif patwit. Huma jiccitaw is-sentenza fl-ismijiet **Norman Spiteri noe v. L-Avukat Dott. Pierre Lofaro noe** fejn gew imfissra t-talbiet li

seta' jressaq ix-xerrej fosthom, skont l-Artikolu 1390, li jitlob id-danni izda li jirrifjuta l-haga jew li jircievi l-haga bi prezz inqas kif stmat minn periti. B'hekk il-konvenuti jsostnu li l-azzjoni tal-attur kienet improponibili ghaliex hu qed jitlob kemm il-prezz u wkoll id-danni.

16. L-attur min-naha tieghu jikkontendi li dan mhux minnu. It-talba tieghu hi ghall-hlas ta' danni u s-somma ta' Lm4,500 mitluba kienet tirrapprezenta d-danni li hu sofra bhala konsegwenza ta' negozju fejn il-kwalita` ma kinitx skont dik miftehma. Jirrileva li fl-istess talba ghar-rifuzjoni ta' dik is-somma hu ghamel riserva ghal kull azzjoni ghad-danni.

17. L-ewwel Qorti accettat li l-azzjoni tal-attur kienet tistrieh fuq l-Artikolu 1390 u accettat ukoll li skont kif kien irrizulta mill-fatti, iz-ziemel mixtri ma kienx tajjeb ghat-tlielaq u ghalhekk kien proprju applikabbli ghall-kaz odjern l-imsemmi artikolu. Il-perit legali u l-espert veterinarju kienu waslu ghall-istess konkluzjoni fir-rapport taghhom meta esprimew il-fehma taghhom li z-ziemel mibjugh lill-attur ma kienx tal-kwalita` pattwita. Fil-fatt jidher li l-ewwel Qorti strahet sew fuq il-konsiderazzjoni principali taghhom li dan kien rizultat tal-fatt li *"… z-ziemel qatt ma rebah, u li kien garantit li dana jirbah u li jaghmel it-tigrija f'zewg minuti u erbghin sekonda. Dana ma sehhx."*.

18. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li mill-premessi u mit-talbiet jirrizulta car li l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq id-dispost tal-Artikolu 1390, jigifieri li z-ziemel ma kienx tal-kwalita` pattwita u mhux fuq id-dispost tal-Artikolu 1424[2] tal-imsemmi kodici. Mill-provi jirrizulta sodisfacentement li z-ziemel, meqjus bhala ziemel tat-tigrija, qatt ma rebah u qatt ma kellu hin tajjeb hekk kif xtrah l-attur, u dan kawza ta' ugiegh f'saqajh u f'daru rizultat ta' infjammazzjoni fl-ghadam[3], u ghalhekk ma kienx tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet fil-mument tal-bejgh.

*Il-kunsinna li effettivament tirrizulta li sehhet.*

19. M'hemm l-ebda dubbju jew kontestazzjoni li r-relazzjoni guridika li nholqot bejn il-partijiet hi dik ta' komprovendita. B'hekk kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza[4], il-konvenut Carmelo Seguna bhala venditur kellu zewg obbligi principali skont l-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili, wahda minnhom li jikkunsinna l-haga u l-ohra li jaghti garanzija tal-haga mibjugha. Imbaghad l-Artikolu 1393 jobbligah li l-kunsinna tal-haga ghandha ssir fl-istat li din kienet tinsab fiz-zmien tal-bejgh u fin-nuqqas, ix-xerrej skont l-Artikolu 1390 ikollu d-dritt li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni

---

2. Dan jikkoncerna l-azzjoni ta' difett mohbi fil-haga mibjugha.

3 Seduta 22 ta' Mejju 2007 a fol. 339.

4 App.Civ. Inf., 2208/2002, **Saviour u Theresa konjugi Agius v. Antoine Xerri,** 6 ta' Ottubru 2004 ; App.Civ. Inf., 2484/1996, **Surprise Yachts Limited v. Joseph Rosso f'ismu *proprio* u ezercenti fil-kummerc f'isem Sealink Marine Centre,** 21 ta' April 2004 ; App.Civ.Inf. 40/1999, **Veronica Camilleri v. Joseph Thorne u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 1999, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Azzopardi Waterproofing Ltd,** 14 ta' Jannar 2004.

jew li jircievi l-haga bi prezz inqas kif stmat minn periti. Minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi johrog car li l-obbligu tal-venditur u d-dritt tax-xerrej huma marbuta mal-kunsinna. Il-venditur ghandu l-obbligu tal-kunsinna tal-haga tal-kwalita` patwita u fin-nuqqas, ix-xerrej ghandu dritt li ma jaccettax il-kunsinna u b'hekk hu jkollu dritt jitlob id-danni jew li jiehu dik il-haga bi prezz inqas.

20. Izda hawn din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax ukoll, li kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Anthony Piscopo v. Charles Filletti,**[5]**:**

> "…tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita' pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (**Vol.Xii p 1; Vol. XXVI P I p 193; Vol.XXXII P I p 163; Vol. XXXIXP I p 250,** fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenzama tistax tigi sperimentata wara l-konsenja **(Vol. XX P I p273; Vol. XXI P I p 399** u **Vol. XLIX P II p 955)**;
>
> "Fil-kawza fl-ismijiet "**Diacono –vs- Galea"** riportata a Vol. XVIII P III p 59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi ta' l-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma:-
>
> "I. Il-premessa esplicita ta' xi kwalita' lil-kompratur kellu specjalment in mira;u
>
> "II. li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga;
>
> "Kompliet tghid illi jekk huwa jkun irceva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt;"

5 PA2756/1996.

21. Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin isostnu li l-azzjoni intavolata mill-attur mhiex dik li jaghtih l-artikolu kkonsidrat dak li qed jitlob, jigifieri li jigi rexxiss il-bejgh u jithallas il-prezz lura lilu. Huma jikkontendu li l-azzjoni li kellha titressaq mill-attur kienet dik li jaghtih l-Artikolu 1424, f'liema kaz kellha tirnexxi l-eccezzjoni taghhom ta' preskrizzjoni a tenur tas-subartikolu 1431(1) tal-istess ligi.

22. Din il-Qorti tqies li l-fatti kollha jindikaw li l-kunsinna kienet saret u l-kuntratt ta' bejgh maghluq. Fis-seduta mizmuma mill-perit legali fil-prezenza tal-espert veterinarju fis-26 ta' Lulju 1993, l-attur jghid li hu kien xtara z-ziemel f'Awissu 1992 u ntebah bid-difett forsi hamest ijiem wara meta z-ziemel kien ghadu ghand il-konvenut Carmelo Seguna, izda minkejja dan, hu ha z-ziemel dakinhar minghandu filwaqt li qallu li kien ser jurih lil tabib. Ix-xhieda tieghu turi li hu ma riedx jaghti lill-konvenut Carmelo Seguna x'jifhem li ma riedux: *"Jien ghidtlu li dan iz-ziemel kont ser intellghu, cioe' niehdu biex ma jghidx li ma rridux …".*

23. Jekk ma riedx jaghti x'jifhem li ma riedux, allura l-konvenut Carmelo Seguna bilfors fehem biss li l-attur ried z-ziemel. Jekk dan tal-ahhar ma kienx car fi kliemu li hu ma riedx iz-ziemel, allura ma jistax jahti l-konvenut Carmelo Seguna. Lanqas ma jista' jinftiehem il-kliem tieghu li hu kien ser jiehu z-ziemel mill-ewwel ghand tabib, li kien hemm xi kondizzjoni bejn il-partijiet qabel ma jsehh il-bejgh. L-attur hawn ghal darb'ohra ma kienx

car fi kliemu. Jekk hu ried jaghmel kondizzjoni fuq il-bejgh, din kellha tkun cara u miftehma bejn il-partijiet.

24. Il-Qorti tista' biss tifhem b'dan kollu li l-bejgh f'dak il-mument kien sehh. L-attur kien diga' hallas Lm4,000 b'dana li kien ghad fadallu jaghti lill-konvenut Lm500 u meta mar ghand il-konvenut Carmelo Seguna biex jaghtih il-flus lura, dan qallu li kien ser jaqtaghlu Lm1500[6] u f'dan l-istadju waslu fi ftehim ulterjuri li l-konvenut Carmelo Seguna kien ser jirrangah. Izda fl-ewwel tigrija li nstaq minn iben il-konvenut Carmelo Seguna stess, iz-ziemel gera hazin u gie skwalifikat.

25. Jekk l-attur kellu dubbju dwar il-kondizzjoni taz-ziemel, hu ma kellux jaccettah u sahansitra jkompli jhallas il-kumplament tal-prezz tieghu, imbaghad wara, iressaq kawza abbazi ta' kwalita` mhux patwita. Jekk l-attur ghazel li jiehu z-ziemel minkejja li ma kienx sodisfatt bih, il-Qorti tissenjala li hu ma setax legalment jitfa' r-responsabbilita` kollha ta' eghmilu fuq il-konvenuti u jippretendi li l-ftehim jigi rexxiss. Ghaldaqstant dak li qed jitlob l-attur fil-proceduri odjerni, jigifieri r-rexxissjoni tal-bejgh u r-rifuzjoni tal-prezz kollu, ma jistax jintlaqa'.

26. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. It-talbiet tal-attur huma bazikament tlieta: [1]

---

6 Ara xhieda seduta 23 ta' Settembru 1993 quddiem il-perit legali a fol. 248.

l-ewwel talba intiza sabiex jigi dikjarat, inter alia, li l-oggett mixtri minnu ma kienx tal-kwalita` pattwita`, [2] it-tieni talba hi intiza sabiex jigi dikjarat rexxiss il-ftehim de quo u, [3] it-tielet talba sabiex jigi rifuz il-prezz ta' Lm4,500 [illum €10,482.18].

27. Rigward l-ewwel talba jirrizulta li dina tinsab ampjament sostenuta mill-provi u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li kellha tintlaqa'. Rigward it-tieni talba, din ma kellhiex tintlaqa' stante li l-attur, minkejja li ma kienx sodisfatt bl-oggett mixtri minnu, iddecieda li jzomm iz-ziemel; Rigward it-tielet talba, ladarba l-attur iddecieda li jzomm iz-ziemel huwa ma setax jitlob ir-rifuzzjoni tal-prezz kollu izda seta' jitlob biss riduzzjoni fil-prezz ai termini tal-Artikolu 1390 fuq citat, li fic-cirkostanzi, tenut kont li z-ziemel ma kienx tajjeb biex itellaq b'success, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-prezz miftihem u r-riduzzjoni fil-prezz li l-konvenut kien preparat li jircievi [jigifieri Lm1,500] tiffissa *arbitrio boni viri* r-riduzzjoni fil-prezz fl-ammont ta' €4,660 [ekwivalenti ghal Lm2,000]

28. Ghaldaqstant l-aggravju tal-konvenuti hu fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi limitatament gustifikat u qed jigi hekk milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqghu limitatament fis-sens li t-tieni talba ma kellhiex tintlaqa' u ghalhekk

tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tieni talba; ukoll tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghat-tielet talba billi tirriduci l-ammont dovut lill-attur mill-konvenuti fl-ammont ta' erba' telef sitt mija u sittin euro [€4,660] u tordna li l-konvenuti jirrifondu dan l-ammont lill-attur flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-partjiet b'mod ugwali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm